MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Appell Kriminali Numru. 224/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Emanuel Lorenzo Peresso**
**Maria Cristina Peresso**
**Michael Peresso (Jnr.)**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala d-diretturi tas-socjeta Michele Peresso Limited, fix-xhur ta' qabel Ottubru, 2006 gewwa l-fond 'Euro Sport" sitwat fi Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta ghamlu zvilupp, jew hallew li jsir zvilupp minghajr peremess ghal-izvilupp konsistenti f'li nehhew armature minn mal-faccata tal-istess hanut "Euro Sport" minghajr permess ta' zvilupp bi ksur tal-art 56(1)(a) ta' l-Att I ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp, liema sit huwa skedat fil-kategorija ta' Livell 2 ai termini tal-artikolu 46 ta' l-att I ta l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp skond avviz relattiv ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern (Numru 235/95) datata 11 ta' April, 1995, li b'hekk

gie ghalekk li kisru wkoll l-istess artikolu 46 ta’ l-Att imsemmi, kif ukoll kisru l-artikolu 56(1)(b) ta’ l-Istess Att.

Aktar talli wara li l-istess Emmanuel Peresso (Bhala direttur ta’ l-istess Societa u cioe` Michele Peresso) gie notifikat b’Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq numru ECF 1003/01 datata 4 ta’ Ottubru, 2001 mahrug taht l-artikoli 51 u 52 ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-ippjanar ta’ l-Izvilupp u lilu notifikat fil-11 ta’ Ottubru, 2001, talli fl-istess fond u cioe` “Euro Sport” fi Triq ir-Repubblika, l-Belt, Valletta ghamel jew halla li jsir zvilupp minghajr permess ta’ zvilupp konsistenti f’ li “wahhal canopy u ittri kkuluriti li jirraprezentaw l-isem tal-kumpanija li tiggestixxi l-istess fond u generu tal-attivita` kummercjali tal-hanut liema zvilupp sar fuq armature ta’ hanut skedata fi grad 2 skond il-Gazzetta tal-Gvern numru 235/95 datata 11 ta’ April 1995”, l-istess Emmanuel Peresso naqas li jhares ir-rekwizit ta’ dak l-avviz u cioe`, li jieqaf immedjatament milli jkompli b’tali xogholijiet ta’ zvilupp illegali stante li fl-4 ta’ Ottubru, 2006 u fil-jiem ta’ qabel zvilupp mhux kopert b’permess ta’ zvilupp fuq is-sit in kwistjoni kien tkompla bil-qlugh ta’ l-istess armatura tal-hanut kif imsemmi hawn aktar qabel, u dan bi ksur tal-artikolu 56(I)(c) ta’ l-istess att.
Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jigu applikati l-provedimenti kontemplati fl-artikolu 56(I) tal-Att I ta’ l-1992, li tikkonsisti fi hlas ta’ multa ta’ mhux anqas minn hames mitt lira Maltin u mhux izjed minn hamsin elf lira Maltin, kif ukoll jigu applikati l-provedimenti tal-artikolu 46(7) ta’ l-istess att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ Mejju, 2011 fejn sabet lill appellanti mhux hatja u illiberathom mill-akkuzi kif dedotti.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fl-20 ta’ Mejju, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellate u tghaddi biex issib lill-imputati appellati hatja tal-akkuzi migjuba kontrihom u tingliggi dik il-piena indikata skond il-ligi ghall-htija ta’ l-imputati.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti filli l-Qorti lliberat lill-imputati minhabba erogazzjoni erroneja tal-fatti tal-kaz kif ser jigi spjegat aktar l'isfel.

Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha, wara li ezaminat l-atti tal-process, irriteniet illi:-

*"minn dan jirrisulta li ghalkemm jidher wisq car li l-faccata nibdlet radikalment minn dak li gie mitlub fl-applikazzjoni ghall-izvilupp finalment approvata fis-sena 2004, hemm nieqsa l-prova li t-tibdil sprovsit minn kull permess sar kif prospettat fl-akkuza fix-xhur qabel Ottubru, 2006."*

Illi dan ifisser li minkejja li l-Ewwel Qorti stabbiliet b'certezza li kien hemm dipartenza illecita mill-permess moghti mill-MEPA fir-rigward ta' l-applikazzjoni de quo, l-istess Qorti sabet illi ma kienx hemm prova li tali tibdil sar qabel Ottubru, 2006. Illi bid-dovut rispett, dan is-sejbien m'huwiex korrett u m'ghandux il-bazi tieghu fondata fuq l-atti processwali.

L-ewwel Akkuza:-

Illi ghar-rigward ta' l-ewwel akkuza prospettata, jigi sottomess li l-permess ghall-izvilupp li nhareg fil-5 ta' Frar, 2011 (a fol. 35 ta' l-Atti processwali) rigwardanti l-fond de quo jirrigwardja limitatament il-bdil tas-sinjal kummercjali tal-hanut kif ukol it-tisbieh tal-logo tal-istess hanut fuq ix-shutter teighu.

Dan il-permess, bhall kull permess iehor, huwa bbazat solament fuq il-pjanti sottomessi flimkein ma' l-applikazzjoni lill-MEPA. Illi minn ezami tal-pjanti de quo (a fol. 38 ta' l-Atti processwali) wiehed malajr jirrealizza illi x-

xogholijiet li saru fuq il-faccata fiz-zzmien li wassal ghall-applikazzjoni kien originarjament konformi mad-disinn propost kemm tas-sinjal tal-hanut kif ukoll tax-shutter tieghu (ara r-ritratt a' fol 40 ta' l-Atti processwali);

Illi din is-sitwazzjoni, madanakollu, inbidlet f'qasir zmien meta l-istess faccata giet soggetta ghal xogholijiet li jmorru lil hinn mid-disinji sottomessi lill-MEPA b'dan illi l-istess xogholijiet imporru oltre mill-permess mahrug mill-istess Awtorita`. Illi di fatti l-MEPA kienet infomata b'dan l-izvilupp abbuziv wara li nbdew ix-xogholijiet fuq is-sit u di fatti fit-3 ta' Ottubru, 2006 l-istess ufficjali tal-MEPA marru fuq is-sit sabiex jispezzjonaw l-allegat rapport;

Illi mix-xhieda moghtija mill-Enforcement Officer Mark Cassar (a fol. 21 ta' l-Atti Processwali) jirrizulta illi meta mar fuq il-post fit-3 ta' Ottubru, 2006, hu kkonstata li kienu saru xi xogholijiet fuq il-faccata tal-hanut, inkluz it-tnehhija tal-vetrina originali. Meta l-istess Cassar saqsa lill-persuna li kienet fuq il-post, certa Joe Abela, rigward l-imsemmija vettirna hu gie infomat li l-vetrina tnehhiet minhabba li l-bazi taghha kienet "saret tabakk u minhabba f'hekk kien hemm bzonn li jsir manutenzjoni". Sussegwentement, l-istess Abela infoma lill-Enforcement Officer li l-istess vetrina kienet inbieghat izda meta l-Enforcement Officer staqsieh dwar x'seta jsir biex tigi salvata l-faccata, Joe Abela qallu li l-istess vetrina kienet inkissret.

Illi bid-dovut rispett jigi sottomess li met mar fuq is-sit de quo l-Enforcement Officer fit-3 ta' Ottubru, 2006 huwa stess sab li x-xogholijiet kienu diga waslu fi stadjui avvanzat, tant li l-vetrina kinet diga tnehhiet u kien qieghed isir xi xoghol iehor fuq il-faccata de quo.

Illi minkejja li l-Enforcement Officer tal-MEPA mar fuq is-sit de quo fit-3 ta' Ottubru, 2006, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-istadju li kienu waslu fihom ix-xogholjiet fuq il-faccata juru bic-car illi l-istess xogholijiet kellhom necessarjament jinbdew f'xi zmien qabel l-1 ta' Ottubru, 2006 – aktar u aktar meta din id-data kienet il-jum tal-Hadd – jum li fih solitament ma jsirx xoghol ta' dan it-tip!

Illi huwa principju kardinali fil-ligi dwar l-evdienza illi l-evidenza cirkostanzjali trid tkun wahda univoka u li tipponta lejn direzzjoni wahda. Bid-dovut rispett, il-provi li jemergu mill-fatt tal-kaz juru ampjament car li x-xogholijiet inbdew ferm qabel it-3 ta’ Ottubru, 2006. Illi di pou, ix-xogholijiet hadu l-istat illegali taghhom sa minn meta nbdew u gjaladarba fit-tielet jum tax-xahar ta’ Ottubru dawn ix-xogholijiet kienu diga` waslu fl-istat li kienu, huwa palezi li l-istat illegali tax-xogholijiet de quo necessarjament inbeda qabel l-1 ta’ Ottubru, 2006.

It-Tieni Akkuza:-

Illi minghajr pregudizzju ghas-susespost, jigi sottomess ukoll li l-pronunzjament ta’ l-Ewwel Qorti huwa erroneju wkoll anke fir-rigward tat-tieni akkuza kif dedotta kontra l-appellati. Illi di fatti, it-tieni akkuza tghid:-

*“…Emmanuel Peresso naqas li jhares ir-rekwizit ta’ dak l-avviz u cioe`, li jieqaf immedjatament milli jkompli b’tali xogholijiet ta’ zvilupp illegali stante li **fl-4 ta’ Ottubru, 2006** u fil-jiem ta’ qabel zvilupp mhux kopert b’permess ta’ zvilupp fuq is-sit in kwistjoni…”*

Illi jigi ribadit li l-Enforcfement Officers tal-MEPA marru fuq is-sit de quo fit-3 ta’ Ottubru, 2006 u f’dik il-gurnata huma stabbilixxew illi kienu qed isiru xogholijiet mhux skond il-permess vigenti. Illi anke jekk stess, ghall-grazzja ta’ l-argument biss, kieku wiehed kellu momentarjament jikkonsidra li x-xogholijiet nbdew fit-3 ta’ Ottubru, 2006, din l-istess data hija inkluza fil-perjodu kopert fit-tieni akkuza. Illi dan huwa aktar bil-fatt li l-Ewwel Qorti stess kienet sodisfatta li kien sar l-izvilupp illegali!

Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta li f’Ottubru, 2001 kien inhareg “Avviz biex tieqaf u ta’ Twettiq” fir-rigward tat-twahhil tal-*canopy* u ta’ ittri ikkuluriti li jirraprezentaw l-isem tal-kumpanija li tiggestixxi l-istess fond.

Illi fir-rigward ta’ l-ittri kkuluriti, din il-posizzjon giet regolarizzata bl-eventwali hrug tal-permess fil-5 ta’ Frar, 2004. Mhux l-istess jista` jinghad, madanakollu ghar-

rigward tal-canopy. Din il-canopy diga kienet installata fuq il-faccata tal-hanut imsemmi sa minn Ottubru, 2001, tant li l-MEPA kienet harget l-“Avviz biex tieqaf u ta’ Twettiq” ghar-rigward ta’ din l-istess canopy;

Illi mir-ritratti pprezentati in atti, senjatament ir-ritratt a fol 41 B, li jgib id-data tas-6 ta’ Ottubru, 2006, jirrizulka ampjament car illi l-istess canopy kienet ghada mwahhla fuq il-faccata tal-hanut imsemmi, u dan wara kwazi 5 snin minn meta inhareg l-“Avviz biex tieqaf u ta’ Twettiq”!

Illi irrispettivament mill-fatt illi din l-istess canopy setghet kienet installata fuq il-faccata minn qabel ma` l-istess fond ghadda f’idejn l-appellanti, l-istallazzjoni tal-canopy certament li saret wahda illegali mid-data ta’ meta nhareg l-imsemmi Avviz mill-MEPA. B’hekk, il-perjodu kollu li fih damet installata l-imsemmija canopy wara Ottubru, 2001 kien perjodu ta’ illegalita` fir-rigward ta’ l-istess;

Illi madanakollu, il-MEPA ghandha prassi li kull fejn jinhareg Avviz bhal dan de quo, dan l-Avviz ma jigix irtirat sakemm kwalunkwe tip ta’ zvilupp illegali fuq is-sit ma jigix regolarizzat – anke jekk ikun zvilupp illegali li ma jkunux inkluzi fl-imsemmi Avviz. Dan ipoggi kwalsijasi tip ta’ zvilupp li sar minghajr il-permess mehtieg bhala zvilupp illegali.

Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta li meta l-Enforcement Officer mar fuq is-sit fit-3 ta’ Ottubru, 2006, u cioe` qabel id-data indikata fit-tieni akkuza, l-izviluppi li saru fuq il-faccata minghajr il-permess mehtieg kienu zviluppi illeciti;

Illi fid-dawl tas-suestpost u fid-dawl tal-fatt illi kienet l-Ewwel Qorti stess li sabet li tali zvilupp kien wiehed illegali, l-esponent jissottometti illi mill-provi tal-kaz jirrizulta ampjament car illi l-istess zviluppi llegali saru fil-perjodu indikati fiz-zewg akkuzi migjuba kontra l-appellati.

Rat is-sentenza preliminary tagħha tat-8 ta’ Novemberu 2012.

Semgħet l-abbli Prosekutur u l-abbli Difensur.

Rat l-affidvit ta’ PS 549 Reuben Pace li jgħid li :

‘l-iżvilupp sar fix-xhur ta’ qabel Ottubru 2006 u jikkonsisti fi tneħħija ta’ armatura minn mal-faċċata tal-istess ħanut. ‘

Barra minn hekk Emanuel Peresso bħala d-Direttur tal-istess soċjeta’ Michele Peresso kien notifikat b’avviż talli għamel jew ħalla li jsir żvilupp mingħajr permess bit-twaħħil ta’ canopy u ittri kkuluriti li jirrappreżentaw l-isem tal-kumpanija li tiġġestixxi l-istess fond u l-ġeneru tal-attivita’ kummerċjali tal-ħanut.’ (fol 5).

Rat ix-xhieda tal-enforcement officer tal-MEPA Mark Cassar. Dan xehed li l-faċċata kienet skedata Grade 2 u l-ħanut huwa numru 12 Strada Repubblika, Valletta. Kien sar xogħol fuq il-faċċata. Meta l-iskedar ikun Grade 2, dan ikun ifisser li jkun hemm bżonn *full development permit.*

Huwa qal li kien sar rapport fit-**3 t’Ottubru 2006** li kien qed isir xogħol fuq il-fond numru 12, Triq ir-Repubblika, Valletta. Kienu ħarġu x-xhud u s-senior tiegħu Joe Zammit biex jagħmlu inspection. Kif waslu fuq il-post sabu li kien qed isir xogħol ta’ manutenzjoni intern ġewwa l-ħanut kif **ukoll kien sar** xogħol fuq il-faċċata tal-ħanut. Is-Sur Abela kien qalilhom li kienu żarmaw il-vetrina għaliex il-bażi tagħha kienet saret tabakk. Lis-sur Abela qalulu li ħtieġ *full development notice* biex isir dan ix-xogħol waqt li ġibdulu l-attenzjoni li kienet inħarġet enforcement notice minħabba canopy li kienet twaħħlet mal-faċċata u għalhekk ma setax isir ix-xogħol li sar dak inhar. Ix-xogħol kien sar mingħajr permess. Ix-xogħol xorta tkompla u twaħħlet vetrina bil-frame tal-aluminium. Il-faċċata ngħatat spray griż. Huwa kien għamel verifiki dwar min kienu d-diretturi tal-kumpanija.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li l-vetrina kienet tiġi fit-tond u dik tneħħiet u wkoll li l-faċċata nżebgħet griża. Dwar id-data tat-tibjid tal-faċċata, l-uffiċjal irrefera għar-ritratt li jġib id-data 8 ta’ Novembru 2006.

L-enforcement kienet ħarġet fl-4 t'Ottubru 2001. Din kienet dwar twaħħil ta' canopy u ittri kkuluriti.

Wara l-enforcement notice kien ħareġ permess fil-5 ta' Frar 2004 (fol30) biex tkun regolarizzata s-sitwazzjoni – to replace existing shop sign and paint logo of shutter.' (fol 35).

Wara dan kienu rranġaw l-logo sign iżda l-canopy ma tneħħitx. Allura l-enforcement tas-sena 2001 ma segħtux jagħlquha. L-enforcement notice baqgħet in vigore.

Xehed ukoll is-sur Joseph Zammit (fol 45) li qal li fit-3 t'Ottubru 2006 huwa kien qiegħed mal-enforcement officer Mark Cassar minħabba li dan kien irċieva rapport dwar xi xogħol mhux skont il-liġi fi Triq ir-Repubblika għaliex il-vetrina kienet tneħħiet.. Barra dan it-tinda kienet għadha hemm. Għall-ewwel Abela qal li l-vetrina kienet inbiegħet u imbagħad qal li kienet inkisret. Lis-sur Abela kienu qalulu biex jieqaf mix-xogħol. Wara li kien ħareġ l-avviż għat-twaqqif, (fol 31 4 t'Ottubru 2001) l-ebda żvilupp ma seta' jsir fuq is-sit. Ix-xogħol fl-intern tal-ħanut kien kopert bil-permess. Huwa qal ukoll li ma kienx sar appell fuq l-avviż li nħareġ f'Ottubru tas-sena 2001.
Fil-kontro-eżami x-xhud wieġeb li ma kienx jaf jekk il-canopy kienet diġa' hemm meta l-post ġie skedat.
Xehed ukoll Emanuel Lorenzo Peresso (fol 59) li kkonferma li huwa direttur ta' Michaele Peresso Group u li kienet inħarġet ordni fl-4 t'Ottubru 2001. Meta xtraw il-post huma kienu ser iħallu l-faċċata kif inhi u talbu permess biex jibdlu l-isem.

Huwa qal li kienu ħallsu lil MEPA Lm160[1] għax ikkonformaw ruħhom wara li kien ħareġ l-enforcement notice minħabba s-sign u minħabba l-kulur taż-żebgħa. Il-canopy kienet ilha hemm minn żmien li l-ħanut kien jismu Captain Caruana. Fil-full development permit m'hemmx

[1] Ara fol 71 PA 05234/00 25 t'April, 2003. To replace existing shop sign and paint logo on shutter. 'At that meeting the DCC considered that your application is acceptable subject to the payment of a fine to the value of Lm160. ........which fine is being applied only for that part of the infringement which has been approved on a site at Euro Sport, Triq ir-Repubblika Valletta. ' (Il-full development permission ħareġ fil-5 ta' Frar 2004.

referenza għall-canopy.(fol 35). Il-canopy kienet hemm mill-1995. Meta ġew biex iduru l-wooden shop front irriżulta li ħafna mill-faċċata kienet imsewsa u għalhekk kienet ser tispiċċa b'ħafna patches. Skont dokument gwida tal-MEPA :'If the original shop front has deteriorated to such an extent that it cannot be retained then it must be replaced.' Huma kienu neħħew il-canopy minn jeddhom fis-sena 2006. Fil-ħin tal-att tal-akkuża l-canopy ma kinitx hemm. (fol 61). Mill-ewwel ritratt ta' żmien il-Captian Caruana hija ovvja li l-canopy kienet hemm. Huwa qal li biex ikun hemm full development permit jinħtieġ li ma jkunx hemm irregolaritajiet. Fil-'full development permit' ma kienx hemm klawsola biex titneħħa l-canopy. (fol 62). Huma kienu ħallew il-canopy li kien hemm.

Il-ħaddiema kienu qalulu li waħda mill-ħġiġiet kienet inkisret. Huwa ma kienx fuq il-post biex jara l-ħġieġa nkisritx jew le. Kellha tiġi sostitwita u għamluha dritta kif kienet oriġinali. Ix-xhud qal li x-xogħol li għamlu kien mill-għatba 'l ġewwa.

Meta saru mistoqsijiet mill-parte civile, din ġibdet l-attenzjoni tax-xhud li l-perit kien kiteb 'window frame to be retained.' (fol 64). Hawnhekk ix-xhud qal li kienu qed jitkellmu fuq ix-xogħlijiet tal-2006. Il-perit (fiż-żmien ta' qabel) ma kienx jaf dwar l-istat tal-armatura.

Ix-xhud qal ukoll li ma kienx jaf li ried permess biex jirriplesjsa l-ħġieġa għax dik 'kienet mill-għatba 'l ġewwa.' Biex tordna ħġieġa tonda trid tordnaha minn barra u imbagħad trid iddum tistenna ħafna għall-permess.

Xehed ukoll il-Perit Alex Bezzina (fol 84) fis-6 ta' Lulju 2010. Huwa qal li l-applikazzjoni lill-MEPA sabiex isiru xogħolijiet fuq il-faċċata kien diġa' sottomess. (PA 05234/2000 – ippreżentata 2 t'Ottubru 2000). Bl-assistenza tiegħu kienet intalbet varjazzjoni. Kien inħareġ ordni ta' twaqqif u ta' twettiq.[2] Dan dan sar għaliex fil-bidu

[2] Dan jgħid hekk: 'Għandek żvilupp mingħajr permess li jikkonsisti filli waħħalt canopy u ittri kkuluriti li jirrapreżentaw l-isem tal-kumpanija u l-ġeneru tal-business tal-ħanut,

ma kienx hemm attemporazzjoni ma’ kif kellu jsir is-signage, fl-2001. Din il-problema kienet sorvolata. Wara inħareġ ‘full development permit fit-22 t’April, 2003. Il-canopy kienet diġa’ hemm qabel ma l-ħanut in kwistjoni nxtara mill-Eurosport.

**Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati**

Il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha tat-3 ta’ Mejju 2011, kienet ikkonkludiet hekk:

‘Minn dan jirriżulta li għalkemm jidher wisq ċar li l-faċċata nbidlet radikalment minn dak li ġie mitlub fl-applikazzjoni għall-iżvilupp finalment approvata fis-sena 2004 hemm nieqsa l-prova li t-tibdil spovist minn kull permess sar kif prospettat fl-akkuża fix-xhur qabel Ottubru 2006.

Dan fil-fehma tal-Qorti jwassal għar-riżultat inevitabbli li l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kas tagħha skont l-akkuża. Il-konsegwenza hi li l-imputati qegħdin jiġu misjuba mhux ħatja u kwindi qed tilliberhom mill-akkużi kif dedotti.’ (fol 91)

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali li dwar l-ewwel imputazzjoni jissottometti li x-xogħolijiet in kwistjoni inbdew ferm qabel it-3 t’Ottubru 2006.

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda tas-sur Mark Cassar u tas-sur Joseph Zammit li t-tnejn isemmu d-data tat-**3 t’Ottubru 2006** meta marru jaraw x’kien qed jiġri f’numru 12 Triq ir-Repubblika Valletta bis-sur Joseph Zammit jixhed li t-tinda kienet għadha hemm. (fol 45).

Issa fl-ewwel imputazzjoni d-data tidher hekk ’fix-xhur ta’ qabel Ottubru 2006’ u għalhekk, skont iċ-ċitazzjoni, l-

---

liema żvilupp sar fuq armatura ta’ ħanut skedat fi Grad 2 skont il-gazzetta tal-gvern numru 235/95 datata 11 t’April, 1995.

armatura tneħħiet fix-xhur ta' qabel Ottubru 2006. B'differenza mit-tieni imputazzjoni, fis-sitt kelmiet li għandhom x'jaqsmu mad-data, m'hemmx imsemmija xi data speċifika u imbagħad il-jiem u / jew x-xhur ta' qabel. Kif inhi redatta din il-parti tal-imputazzjoni allura x-xhur setgħu kienu kwalunkwe xahar bejn Jannar u Settembru. Fi ftit kliem fiċ-ċitazzjoni ma hemmx data speċifika li wieħed jista' jankra l-bqija tar-referenza għaż-żmien. Lanqas ma nġabet prova li sar xi xogħol fix-xhur ta' qabel Ottubru. Ħadd ma xehed li, per eżempju, ra x'xogħol kien qed isir f'Settembru. Il-prova li nġabet huwa x'kien qiegħed isir effettivament fil-jum **tat-3 t'Ottubru 2006.** Imma dan il-jum, meta l-ispetturi marru fuq il-post ma jissemmiex fiċ-ċitazzjoni. L-Avukat Ġenerali jirreferi għall-circumstantial evidence iżda lanqas din ma toħroġ ċara fix-xhieda. Huwa sinifikanti x'qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Michael Cini',[3] sentenza mogħtija mill-Prim'Imħallef Emeritus Vincent Degaetano fejn intqal kif ġej:

*'l-imputazzjonijiet huma ċirkoskritti fiż-żmien għall-"4 ta' April 2002 u xahar qabel". Issa, ghalkemm huwa minnu li fl-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija, kif ukoll fid-deposizzjoni tiegħu quddiem l-ewwel qorti, l-appellant ammetta li kien hemm xi okkażjonijiet meta huwa qasam ma' ħaddieħor ir-raża li kien ikollu, minn imkien ma jirriżulta li dan it-"traffikar" seħħ fl-4 ta' April, 2002 jew fix-xahar ta' qabel. Ghalhekk l-appellant ma setax jinstab hati skond l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, cioe` bil-parametri ta' zmien aktar 'l fuq imsemmija;'*

Ukoll jekk wieħed jagħmel differenza bejn il-qlugħ ta' vetrina u l-bejgħ jew it-taqsim tad-droga bħala atti, xorta wieħed jistenna li l-jum ta' meta saret l-ispezzjoni kellu jissemma.

F'din l-ewwel imputazzjoni dan il-jum ma ssemmiex u u ħadd ma xehed li sar xi xogħol illegali qabel Ottubru 2006. Konsegwentement din il-Qorti qed taqbel mal-Qorti tal-

[3] Il-Pulizija vs Michael Cini' 30 ta' Lulju 2004.

Maġistrati li l-imputati ma kellhomx jinstabu ħatja tal-ewwel imputazzjoni.

**It-Tieni Imputazzjoni**

Is-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali huma primarjament tnejn: li l-canopy kienet għadha mwaħħla fis-6 t'Ottubru, 2006 (ħames snin wara l-ordni ta' Waqfien u Twettiq'; u li f'din it-tieni imputazzjoni d-data tidher 'fl-4 t'Ottubru 2006 u fil-jiem ta' qabel.'

L-ewwelnett il-Qorti, wara li għarblet ix-xhieda sewwa, hija soddisfatta li ma kien hemm ebda permess sabiex titneħħa l-vetrina oriġinali tal-ħanut. Inġabu skużi bħal li din kienet saret tabakk u daqqa ntqal li l-ħġieġa kienet inkisret u daqqa li nbiegħet. Fl-aħħar intqal li wieħed ried joqgħod jistenna għall-permess. Bħall-Qorti tal-Maġistrati, din il-Qorti hija konvinta li saret attivita' illegali billi tneħħiet din il-vetrina bla permess u l-fatti huma lampanti.

F'din it-tieni imputazzjoni d-data hija ċara u m'hemm ebda problema dwar iż-żmien meta saret l-attivita' illegali. **Id-data kif inhi tkopri wkoll id-data ta' meta marru l-ispetturi jagħmlu l-ispezzjoni.**

Il-Qorti qed tiċħad is-sottomissjoni li għamlet id-difiża dwar li l-Ordni ta' Twaqqif kien sar kontra Emmanuel Peresso waqt li din l-imputazzjoni qegħda kontra Michele Peresso bħala direttur tal-istess soċjeta'. Din l-imputazzjoni hija in linea mal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Dan l-artikolu bl-ebda mod ma hu soġġett għal kif timxi kull entita' oħra għaliex kulma għandu jsir huwa li jkun stabbilit min kien id-direttur tas-soċjeta'.
Il-Qorti hija soddisfatta wkoll li l-canopy kienet għadha fil-post kif tajjeb issottometta l-Avukat Ġenerali.

**Konklużjoni**

**Għalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali *in parte* u limitatament għat-tieni imputazzjoni fejn qed issib ħati lil Emmanuel Peresso**

**biss għaliex din l-imputazzjoni hija inidrizzata lejh u mhux lejn l-imputati l-oħrajn ukoll.**

**Għalhekk il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi tat-3 ta' Mejju 2011 billi waqt li qed tikkonfermaha fejn illiberat lit-tliet imputati mill-ewwel imputazzjoni qed tirriformaha fejn illiberat lil Emmanuel Lorenzo Peresso mit-tieni imputazzjoni u minflok qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni u wara li rat l-artikolu 56(1)(a) tal-Att 1 tal-1992, għaliex dan l-Att kien fis-seħħ meta sar ir-reat, qed tikkundannah iħallas multa ta' €1200. Barra dan, skont l-artikolu 56(2) tal-istess Att qed tordna lis-Sur Emmanuel Peresso bħala Direttur tas-Soċjeta' Michele Peresso Limited biex jikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet kollha maħruġa mill-MEPA li għandhom x'jaqsmu maċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ fi żmien tliet xhur mil-lum. Minnufih kif jgħaddu t-tliet xhur, is-soċjeta' Michele Peresso Limited tkun suġġetta għall-penali ta' €50 [4]kull jum għal kemm idum in-nuqqas.**

**Minħabba li fil-proċeduri ma nġiebu ebda provi dwar il-valuri, il-Qorti mhix tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni biex tapplika l-artikolu 46(7) tal-Att 1 tal-1992.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] Il-Qorti qed tuża rata aktar favorevoli skont il-Kap 504 – l-Att preżenti – in linea mad-deċiżjoni 'Scoppola vs Italy.' (ECHR)